MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Avviz Numru. 78/2015

**Lecocqassociate Ltd (C 51053)**

**Vs**

**Audentia Capital SICAV plc (SV 207) ghan-nom u fl-interess ta’ Armatura Fund (Licence Holder PIF207/A)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta’ attrici li gie pprezentat nhar it-2 ta’ Marzu 2015 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont dovut ta’ hamest elef tliet mija u tmienja w ghoxrin Ewro w tmienja w sittin centezmu (€5,328.68) rapprezentanti

servizzi professjonali li nghataw mis-socjeta' attrici u li gew iddebitati permezz ta' fattura numru 13009 datata 7 ta' Jannar, 2013, kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'AF-1', oltre l-imghax legali mid-data ta' din l-istess fattura sal-jum tal-hlas effettiv.

Rat ir-risposta tas-socjeta' Audentia Capital SICAV plc nomine li giet ipprezentata fit-30 ta' Marzu 2015 fejn eccepiet is-segwenti:

1. *"Illi preliminarjament, kontestwalment ma' din il-kawza s-socjeta' attrici ntavolat proceduri quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet* ***Lecocqassociate Limited v Audentia Capital SICAV p.l.c.*** *[14/2015 LM] illi wkoll jirrigwardaw allegati pendenzi ta' drittijiet professjonali dovuti mill-konvenuta lill-attrici. Tenut kont li l-vertenza hija bejn l-istess partijiet u tirrigwarda l-istess materja, ikun bir-rispett opportun illi dawn il-proceduri jistennew l-ezitu tal-kawza quddiem l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili biex hekk jigu evitati duplikazzjoni ta' provi u sentenzi konfliggenti;*

2. *Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti teccepixxi illi* ***mhijiex il-legittimu kontradittur****, stante illi s-servizzi professjonali tal-attrici ma ntalbux mill-eccipjenti Audientia Capital SICAV plc, izda minn Alberto Llaneza Martin;*

3. *Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammonti mitluba mhumiex dovuti stante illi, kif se jintwera fil-mori ta' dawn*

*il-proceduri, is-servizzi li ghalihom qed jintalab il-hlas kienu inkluzi fi flatAlberto Llaneza Martin, liema flat fee ilha li thallset sa mill-2012;*

4. *Minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-sighat u r-rati kkwotati huma ezagerati meta mqabbla man-natura tas-servizzi moghtija;*

5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2015 ( fol. 20) minn Dr. Joseph Camilleri ghan nom u fl-interess tas-socjeta' konvenuta fejn talab lil din il-Qorti tissoprasjedi mis-smiegh ta' din il-kawza sakemm ikun hemm decizjoni fil-kawza li hemm pendenti qudiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili - Rikors Numru 194/2015 LM - bejn l-istess partijiet fuq mertu simili, w talab zmien sabiex jipprezenta kopja tal-atti hemm pendenti quddiem dik il-Qorti.

Dr Ghaznavi min-naha tieghu iddikjara li l-azzjoni odjerna ghandha timxi indipendentement mill-proceduri gja pendenti quddiem il-Qorti Civili Prim' Awla u konsegwentement oggezzjona ghal tali talba.

Rat id-dokumenti kollha esebiti mis-socjeta' konvenuta permezz ta' nota datata 15 ta' Mejju 2015 li permezz taghha pprezentat kopja tar-rikors promotur ipprezentat quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar it-2 ta'

Marzu 2015 Dok LM1,u r-risposta mahlufa mis-socjeta' attrici pprezentata fir-registru tal-Prim' Awla tal-Qorti Civli nhar it-30 ta' Marzu 2015 li giet immarkata bhala Dok LM2 flimkien mad-dokumenti hemm annessi.

Semghet lill-avukati tal-partijiet jitrattaw l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta w jitolbu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza preliminari dwarha.

Ikkunsidrat:

Illi fil-kawza odjerna s-socjeta' attrici qed titlob lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Audentia Capital SICAV plc ghan-nom u in rappresentanza ta' Armatura Fund (Licence Holder PIF207/A)

sabiex thallasha is-somma ta' hamest elef tliet mija w tmienja w ghoxrin Ewro w tmienja w sittin centezmu (€5,328.68 ) rappresentanti servizzi professjonali li nghataw lilha mis-socjeta' attrici skond l-invoice Dok AF1.

Issa minn ezami tad-dokumenti LM1 u cioe' mir-rikors promoturipprezentat fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili, jigi nnotat minnufih li s-socjeta' attrici odjerna hija l-istess filwaqt li s-socjeta' konvenuta mhix l-istess u dan ghaliex fil-kawza li qed tinstema quddiem il-Prim' Awla, s-socjeta' konvenuta hija Audentia Capital SICAV *sic e simplicite*. Huwa minnu li f'dik il-kawza s-socjeta' attrici qed titlob lil dik l-Onorabbli Qorti sabiex tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Audentia Capital SICAV thallasha l-ammont ta' hamsin elf, tliet mija w hamsa w sebghin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€50,375.72) rappresentanti wkoll servizzi professjonali skond *invoices* hemm esebiti, liema kawza qed tigi kontestata.

L-avukat difensur tas-socjeta' konvenuta odjerna stqarr fit-trattazzjoni tieghu li ghalkemm din mhix kwistjoni ta' *lis alibi pendens* xorta '*il-vertenza hija bejn l-istess partijiet u tirrigwarda l-istess materja*' u ghalhekk huwa opportun li z-zewg kawzi jinstemghu kontestwalment. Jghid li tali talba saret fl-interess tal-gustizzja u fil-fehma tieghu din il-Qorti ghandha tistenna l-ezitu ta' dik il-kawza pendenti quddiem il-Prim' Awla sabiex ma jkunx hemm zewg gudizzji kontradittorji. Spjega li peress li s-sorte ta' dik il-kawza jeccedi l-kompetenza ta' din il-Qorti, ma setax jaghmel talba sabiex iz-zewg kawzi jinstemghu flimkien stante li jinsabu pendenti quddiem Qrati differenti w li ghalhekk huwa talab lil din il-Qorti tissoprasjedi sakemm ikun hemm gudizzju fil-kawza l-ohra sabiex b'hekk il-partijiet ikunu jistghu jirregolaw ruhhom.

L-avukat difensur tas-socjeta' attrici irrileva li mhux minnu li l-partijiet huma l-istess stante li huwa minnu li s-socjeta' attrici hija l-istess pero' hemm

konvenuti differenti. In oltre jghid li l-kontijiet li ntbaghtu liz-zewg kumpaniji huma differenti u jkopru servizzi ta' xoghol differenti ghaliex waqt li s-socjeta' konvenuta hija Armatura Fund is-socjeta' konvenuta fil-kawza l-ohra tintuza ghal skop differenti ta' investiment. Jghid ukoll li ghalkemm jista' jkun hemm xi xoghol li huwa l-istess, ix-xoghol sar fuq medda ta' zmien differenti w ghalhekk huwa ma jaqbilx li din il-Qorti ghandha tissoprasjedi w tistenna l-ezitu tal-kawz l-ohra.

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet legali dwar l-eċċezzjoni taħt eżami xieraq jingħad li, normalment, fis-sistema proċedurali Malti, l-eċċezzjoni li titlob it-twaqqif ta' smigħ tal-kawża sakemm tinqata' oħra li tkun marbuta magħha hija msejsa fuq dak li jipprovdi l-**artikolu 793 tal-Kapitolu 12** tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jitkellem dwar smigħ fl-istess waqt taż-żewġ kawżi li jkun hemm dik ir-rabta bejniethom, fis-sens li l-kawża mressqa t-tieni fuq suġġett marbut ma' kawża mressqa qabilha tinstama' flimkien ma' dik imressqa l-ewwel, taħt il-prinċipju tal-*ius preventionis;*

Jigi rilevat li in linea generali l-principju li s-soprasessjoni huwa rimedju

straordinarju li ghandu jigi applikat biss fejn ikun necessarju fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja (Kollez Vol XLI.I.507 ; u Qorti Kostituzzjonali – "**Cuschieri vs Onor Prim` Ministru**" – 12 ta` Awissu 1994).

Issir referenza ghas-sentenza li nghatat in parte mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar it-18 ta' Gunju 2012 fl-ismijiet **Mario u Yonnis konjuġi Camilleri vs**

**Joseph u Lucia Teresa konjuġi Amato u Kathleen Amato** fejn ingħad li *"s-soprasessjoni tista' b'mod eċċezzjonali tingħata meta tali smigh fl-istess waqt taż-żewġ kawżi ma jkunx jista' jsir, iżda, billi hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawża għandha tinstama' sakemm tiġi maqtugħa*[1]*, trid tingħata dejjem taħt kundizzjonijiet li għandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir*[2]*. Kemm hu hekk, ingħad saħansitra f'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali*[3]*, li l-eċċezzjoni tas-soprasessjoni fis-sens li l-Qorti għandha tieqaf milli tkompli tisma' kawża bħala tali, fis-sistema proċedurali tagħna, m'hijiex kontemplata għaliex l-eċċezzjoni li l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jikkontempla hija l-eċċezzjoni magħrufa bħala lis alibi pendens u din l-eċċezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun hemm żewġ kawżi għaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu;*

*Illi huwa minħabba f'hekk li l-Qrati jqisu s-soprasessjoni bħala provvediment ordinatorju mħolli fid-dehen tal-Qorti li quddiemha titressaq talba bħal dik*[4]*. Provvediment bħal dan huwa meqjus bħala wieħed interlokutorju*[5] *u, għalhekk, ma jorbotx lill-Qorti li tkun taghtu jekk tqum il-ħtieġa li tibdel il-fehma tagħha aktar 'il quddiem, jekk tintwera raġuni tajba biex tagħmel dan*;

*Illi għalhekk ukoll, il-provvediment tas-soprasessjoni jitqies bħala pass mhux ordinarju li jissospendi s-smigħ ta' kawża, meta n-norma hija, kif ingħad, li*

[1] Art. 195(1) tal-Kap 12
[2] App. Ċiv.: **28.10.1935** fil-kawza fl-ismijiet ***Sir Ugo Mifsud noe vs Guido Abela et***. (Kollez. Vol:**XXIX.i.1295**);
[3] P.A. Kost.: **12.8.1994** fil-kawza fl-ismijiet ***Lawrence Cuschieri vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.171**)
[4] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **23.6.1869** fil-kawża fl-ismijiet ***German et vs Scicluna et*** (Kollez. Vol: **V.157**); P.A. **23.1.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Buġeja vs Żammit*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.197**) u App. Kumm.: **26.3.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Leslie Grech noe vs Dr. Emanuel Buttiġieġ et noe*** (mhix pubblikata)
[5] App. Ċiv. **22.5.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Mallia et vs Beżżina et*** (Kollez. Vol: **LXXIII.ii.338**)

*kawża li tinbeda għandha tinstama' sa ma tinqata'*[6]*. Kemm hu hekk, il-provvediment tas-soprasessjoni tqies bħala wieħed "alejatorju"*[7] *li, minħabba t-termini ebsin tal-Kodiċi Proċedurali dwar is-smigħ tagħhom*[8]*, jista' jwassal għad-deżerzjoni tal-proċeduri mwaqqfa. Għal bosta snin, il-Qrati tagħna sabu li t-twaqqif ta' smigħ ta' kawża biex tistenna l-eżitu ta' kawża oħra li diġa' tressqet jew sakemm titressaq waħda fuq punt eċċezzjonali huwa rakkomandat biss fil-każ meta jkun hemm lok għas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tabilfors tiddependi l-kawża li sejra titwaqqaf*[9]*;"*

In linea generali huwa pacifiku illi l-provediment tas-sopra sessjoni huwa indikat ghal dawk il-kazijiet meta jkun hemm lok ghal soluzzjoni ta' xi punt li minnu tiddependi necessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawza li tigi sopraseduta. Tali provediment ordinatorju huwa rimess ghad-diskrezzjoni tal-gudikant skond ic-cirkostanzi specjali tal-kaz (**Francis Xuereb pro et noe vs Kontrollur tad-Dwana** deciza fl-10 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri).

Issa fil-kaz odjern jinghad fl-ewwl lok li l-konvenuti fiz-zewg kawzi huma differenti w ghalhekk ghajr li kawza wahda jista' jkollha effett fuq l-ohra. In oltre ma jirrizultax li dik il-kawza li qed tinstema' quddiem il Prim' Awla tal-Qorti Civili jista' jkollha xi effett fuq in-natura tal-kaz odjern stante li ghalkemm il-mertu jista' jkun simili zgur li kawza wahda m'hi ser ikollha l-ebda effett fuq l-ohra. Jidher li f'kaz li s-socjeta' konvenuta odjerna tigi

[6] App. Ċiv. **4.11.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Cardona vs Pisani*** (Kollez. Vol: **XLI.i.547**)
[7] P.A. **23.5.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri noe vs Vassallo Gatt pro et noe*** (Kollez. Vol: **LXXXI.iii.83**)
[8] Ara art. 965(ċ) u (d) tal-Kap 12
[9] P.A. **12.4.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi et vs Critien pro et*** (Kollez. Vol: **XLVI.ii.591**) u App. Ċiv. **6.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Grima et vs Frendo et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.ii.393**)

kkundannata thallas dak allegat dovut minnha, kif del resto mitlub mis-socjeta’ attrici, dik ghandha rappresentanza guridika distinta mill-azzjonisti tas-socjeta’ konvenuta fil-kawza li qed tinstema’ quddiem il-Prim’ Awla w ghalhekk hija jkollha thallas indipendentement mill-kawza l-ohra. Il-kawza pendenti quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili m’ghandhiex ikollha effett fuq is-socjeta’ attrici jew ahjar fuq it-talba odjerna. Zgur li l-kontinwazzjoni ta’ din il-kawza ma tiddependix fuq dak li ser jigi deciz fil-kawza l-ohra.

Din il-Qorti qed tabbraccja dak li gie deciz fis-sentenza deciza nhar il-5 ta` Ottubru 1981 fil-kawza fl-ismijiet “**Degaetano vs Galea et noe**”,fejn il-Qorti tal-Appell qalet hekk : “*Is-soprasessjoni hemm lok ghaliha meta l-ezitu tal-kawza li tigi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista’ jiddependi mill-ezitu ta’ kawza ohra, u ghalhekk ma jistax ikun hemm lok ghas-soprasessjoni jekk ma tezistix din id-dipendenza jew almenu l-potenzjalita` ta’ din id-dipendenza*”.

Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti filwaqt li taghmel referenza ghal sentenza ohra moghtija illum stess fl-ismijiet **Lecocqassociate Ltd (C51053) vs Audentia Capital SICAV plc (SV207) ghan-nom u fl-interess ta’ Audentia World Equity Fund (Licence Holder PIF207/B)** (Rikors Numru 77/2015CSH) ma thossx illi ghandha tissoprasjedi stante illi d-determinazzjoni ta’ dik it-talba mhix necessarja sabiex tigi determinata din odjerna. **Ghalhekk din t-talba ghas-soprasessjoni qed tigi michuda u l-Qorti tordna il-prosegwiment tal-kawza.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------